**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi*

**2020/2216(INI)**

30.3.2021

# OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa: it-tneħħija tal-ostakli għall-funzjonament tas-suq uniku diġitali u t-titjib tal-użu tal-IA għall-konsumaturi Ewropej
(2020/2216(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Maria da Graça Carvalho



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-użu tal-potenzjal sħiħ tal-ħiliet diġitali tan-nisa jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tingħata spinta lill-ekonomija Ewropea, speċjalment minħabba li hemm madwar miljun post vakanti fl-Ewropa għal esperti diġitali, li 70 % tal-kumpaniji qed idewmu l-investimenti minħabba li ma jistgħux isibu persuni bil-ħiliet diġitali t-tajbin[1] u li f'xi kategoriji ta' impjiegi, aktar minn 90 % tal-impjiegi jirrikjedu tipi speċifiċi ta' ħiliet diġitali[2];

1. Ifakkar li n-nisa huma sottorappreżentati fis-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) u li teżisti diskrepanza diġitali bejn il-ġeneri fit-teknoloġija diġitali, u dan iqiegħed lin-nisa fi żvantaġġ; ifakkar, barra minn hekk, li n-nisa jirrappreżentaw 36 % ta' dawk iggradwati fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM), 30 % tal-forza tax-xogħol tat-teknoloġija, inkluż 22 % fil-qasam tal-IA, u 17 %[3] tal-ispeċjalisti tal-ICT fl-Ewropa, li l-ispinta mbassra għall-ekonomija tal-UE tkun ta' EUR 16-il biljun[4] fis-sena jekk in-nisa ggradwati fit-teknoloġija ma jiġux imfixkla milli jsegwu l-impjiegi diġitali bl-istess rata bħall-irġiel, u li, sabiex jiġu kkonfrontati l-istereotipi marbuta mal-ġeneru li jinfluwenzaw ħafna l-għażliet fl-istudju u l-karriera kif ukoll il-preġudizzju bejn il-ġeneri fl-IA u l-prodotti, li huwa mmanifestat permezz tad-disinn, l-input u l-użu tas-sistemi tal-IA, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fi ħdan is-suq uniku diġitali se tikkontribwixxi biex jitnaqqas id-distakk diġitali bejn il-ġeneri;

2. Jieħu nota tal-fatt li 30 % tal-intraprendituri fl-UE huma nisa, iżda jirċievu biss 2 % tal-finanzjament mhux bankarju disponibbli[5], u dan jagħmilha aktar diffiċli għalihom biex jipparteċipaw fl-ekonomija diġitali;

3. Ifakkar li s-settur tal-ICT huwa s-settur bl-ogħla perċentwal ta' bordijiet ta' kumpaniji magħmula minn irġiel biss u jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinkoraġġixxi l-adozzjoni tal-proposta tal-2012 għal Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati (id-Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet);

4. Jenfasizza li l-istħarriġ tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali dwar il-vjolenza kontra n-nisa juri li ġew irrappurtati inċidenzi għolja ta' fastidju sesswali fis-siti edukattivi STEM, inkluż fl-iskejjel, l-universitajiet u l-postijiet tax-xogħol, u dan

[1] Rapport tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2020 dwar l-impatt tat-tibdil demografiku (COM(2020)0241).
[2] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020 dwar l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (COM(2020)0274).
[3] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025"(COM(2020)0152).
[4] https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/women-digital-0
[5] Fackelmann, S. u De Concini, A., *Funding women entrepreneurs: How to empower growth*, Innovation Finance Advisory għall-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment, 29 ta' Ġunju 2020.

ikompli jeskludi lin-nisa mis-settur;

5. Jenfasizza li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija prinċipju ewlieni tal-Unjoni Ewropea u għandha tiġi riflessa fil-politiki kollha tal-UE; jitlob li r-rwol fundamentali tan-nisa fil-kisba tal-għanijiet tal-istrateġija diġitali Ewropea jiġi rikonoxxut f'konformità mal-objettivi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; ifakkar li l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ekonomija diġitali hija kruċjali biex tissawwar soċjetà diġitali li tiffjorixxi u biex tingħata spinta lis-suq intern diġitali tal-UE; jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u li jiġu żviluppati indikaturi fl-edukazzjoni diġitali fil-livelli kollha, fl-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali u fl-industrija tal-IA u fis-sensibilizzazzjoni fost in-nisa dwar it-taħriġ u l-pożizzjonijiet relatati mal-ekonomija diġitali u l-opportunitajiet li jirrappreżentaw;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tindirizza d-disparità bejn il-ġeneri permezz ta' approċċ f'diversi livelli fi ħdan is-settur tal-ICT u tistabbilixxi politiki biex tivvaluta bis-sħiħ il-kawżi u l-fatturi wara tali fenomeni bħall-istereotipi marbuta mal-ġeneru, id-diskriminazzjoni jew il-ħolqien ta' ambjenti tax-xogħol u ta' tagħlim adatti, biex iżżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-oqsma tal-iSTEM u l-IA u tippromwovi miżuri fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u tal-impjieg fis-settur diġitali, b'mod partikolari billi tistabbilixxi skemi ta' mentoraġġ b'mudelli ta' rwol nisa minn età bikrija 'l quddiem, billi tappoġġja t-tagħlim tul il-ħajja, it-taħriġ u l-iskemi biex jingħataw spinta l-ħiliet elettroniċi tagħhom, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lin-nisa anzjani, billi tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi, kif ukoll l-aċċess għall-finanzjament tar-riċerka, il-faċilitajiet u t-telexogħol, speċjalment f'ċerti żoni rurali fejn il-pandemija tal-COVID-19 issottolinjat in-nuqqas ta' aċċess għall-internet, it-teknoloġiji diġitali u l-infrastrutturi; jitlob li l-IA titqies mill-perspettiva tal-ġeneru fl-iżvilupp ta' politika u l-leġiżlazzjoni, u, jekk ikun meħtieġ, li l-leġiżlazzjoni attwali, inklużi l-programmi tal-UE, tiġi adattata;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-opportunitajiet ta' finanzjament għall-intraprendituri nisa sabiex ikollhom opportunitajiet indaqs biex jikkompetu fis-suq uniku diġitali, u jitlob politiki li jisfruttaw u jappoġġjaw il-potenzjal intraprenditorjali femminili u l-espansjoni tan-Network Ewropew tal-Investituri Informali u n-Network Ewropew ta' Mentors għall-Imprendituri Nisa; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tad-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Impenn dwar in-"Nisa fl-Era Digitali";

8. Jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri biex jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li n-nisa jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-opportunitajiet li t-telexogħol jista' jipprovdi billi jippermettilhom jaħdmu mid-dar u jsibu bilanċ effettiv bejn ir-responsabbiltajiet professjonali mħallsa u r-responsabbiltajiet ta' indukrar billi tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti tad-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata[6] sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni aktar ugwali tar-responsabbiltajiet ta' indukrar fil-familji, kif ukoll jiġi żgurat li n-nisa jkollhom aċċess għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u indukrar tat-tfal meħtieġa; jitlob li ssir evalwazzjoni tal-impatt tat-telexogħol, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħinijiet tax-xogħol, l-iżolament soċjali, is-

---

[6] Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE, ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79.

separazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u l-pressjoni psikoloġika;

9. Jitlob lill-Kunsill, fir-rigward tal-miżuri fl-impjiegi, jiżblokka u jadotta d-Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri jittrasponu u jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jnaqqsu d-disparità bejn il-ġeneri fl-ekonomija diġitali permezz ta' miżuri mmirati, inklużi fondi Ewropej għall-finanzjament ta' proġetti mmexxija min-nisa fis-settur diġitali, il-promozzjoni ta' għadd minimu ta' riċerkaturi nisa li jipparteċipaw fi proġetti tal-ICT, korsijiet ta' taħriġ għad-dipartimenti tar-riżorsi umani dwar "preġudizzju diskriminatorju bejn il-ġeneri inkonxju" għall-promozzjoni ta' reklutaġġ ibbilanċjat bejn il-ġeneri, l-adozzjoni ta' politiki dwar l-akkwist pubbliku u/jew linji gwida dwar ix-xiri ta' servizzi tal-ICT minn fornituri li japplikaw bilanċ bejn il-ġeneri fil-kompożizzjoni tal-kumpaniji u l-bordijiet tagħhom, u jiffaċilitaw id-distribuzzjoni tal-fondi Ewropej lil kumpaniji li jieħdu inkunsiderazzjoni l-kriterji ta' bilanċ bejn il-ġeneri;

10. Jappoġġja bil-qawwa l-inizjattivi tal-Kummissjoni fis-sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet diġitali bħall-approċċ "no women, no panel", il-Ġimgħa Ewropea tal-Ikkowdjar, il-Koalizzjonijiet għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali, il-Premju tal-UE għall-Innovaturi Nisa, l-inizjattivi #SaferInternet4EU madwar l-Ewropa, l-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa u l-perspettivi tat-tagħlim tul il-ħajja;

11. Iqis li l-IA tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tingħeleb id-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru u jiġu indirizzati l-isfidi ffaċċjati min-nisa sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, dment li jiġi żviluppat qafas legali u etiku xieraq, il-preġudizzji konxji u inkonxji jiġu eliminati u l-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri jiġu rispettati; jenfasizza n-nuqqas ta' diversità fis-settur tal-IA fi ħdan timijiet ta' żviluppaturi u inġiniera, u l-importanza tal-użu ta' data diżaggregata skont il-ġeneri fl-iżvilupp ta' prodotti, standards, algoritmi u applikazzjonijiet tal-IA; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-IA tiġi żviluppata b'mod li jirrispetta u jippromwovi l-ugwaljanza; iħeġġeġ lill-atturi rilevanti jaħdmu fuq il-prevenzjoni tal-preġudizzji u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u l-kultura, jipprovdu taħriġ għall-impjegaturi, il-ħaddiema u l-għalliema, u jippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa flimkien ma' timijiet diversi ta' atturi soċjetali ewlenin fit-tfassil, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-algoritmi, it-tagħlim awtomatiku, l-ipproċessar tal-lingwa naturali u l-applikazzjonijiet tal-IA;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq qafas regolatorju biex tindirizza l-preġudizzju, id-diskriminazzjoni mhux ġustifikata u l-inugwaljanzi inerenti fis-sistemi tal-IA b'riskju għoli, inklużi s-sistemi bijometriċi; jappella għal diversità akbar permezz ta' approċċ intersezzjonali u bilanċ bejn il-ġeneri fost id-disinjaturi tal-IA, u taħriġ suffiċjenti u ta' kwalità għad-disinjaturi tal-IA dwar it-trasparenza, id-diskriminazzjoni, l-istereotipi marbuta mal-ġeneru, l-oriġini razzjali u etnika, u l-preġudizzju kulturali;

13. Jesprimi tħassib li d-disparità bejn il-ġeneri fil-ħiliet diġitali tqiegħed lin-nisa fi żvantaġġ fis-swieq diġitali emerġenti; jenfasizza l-importanza li l-konsumaturi, b'mod partikolari n-nisa, jingħataw is-setgħa permezz tat-tagħlim tal-ħiliet bażiċi tal-ICT u t-tnedija ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni sabiex ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mill-benefiċċji tas-suq uniku diġitali;

14. Jenfasizza li l-preġudizzju strutturali bejn il-ġeneru preżenti fl-akkademja, ir-riċerka u n-negozju fis-setturi diġitali jnaqqas ir-ritmu tal-progressjoni fil-karriera għan-nisa, inaqqas l-opportunitajiet ta' karriera tagħhom u jirriżulta f'sottorappreżentanza tan-nisa fl-ekonomija diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li tali preġudizzji jiġu miġġielda, kemm jista' jkun, matul il-proċessi ta' finanzjament, applikazzjoni u teħid ta' deċiżjonijiet permezz tad-disinn tagħhom, u jistieden ukoll lill-Kummissjoni talloka aktar finanzjament biex tappoġġja lill-akkademiċi, ir-riċerkaturi u l-intraprendituri nisa;

15. Jenfasizza li livell għoli ta' ħiliet STEM huwa kritiku għall-proċess ta' innovazzjoni f'oqsma avvanzati tal-ICT bħall-IA jew iċ-ċibersigurtà, u għalhekk se jkun dejjem aktar importanti għall-kompetittività futura tal-Unjoni Ewropea fis-swieq globali;

16. Jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lill-ħtiġijiet tan-nisa u l-bniet bħala miri ta' fastidju u liż-żieda fiċ-ċiberkriminalità u l-vjolenza ċibernetika fid-dinja diġitali, li, b'konsegwenza ta' dan, qed tiskoraġġixxi wkoll lin-nisa, il-bniet u l-minoranzi milli jipparteċipaw b'mod inklużiv fis-swieq diġitali, u jitlob li l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-att dwar is-servizzi diġitali (COM(2020)0825) tindirizza dawn il-kwistjonijiet; jitlob li jsiru kampanji ta' sensibilizzazzjoni u edukazzjoni tan-nisa dwar kif jipproteġu lilhom infushom online sabiex jiġu miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw għodod ta' taħriġ għas-servizzi diġitali u l-industrija tal-IA, jirrikonoxxu d-dritt tal-ħaddiema għall-iskonnessjoni u jaħdmu mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tan-nisa u jinvolvuhom sabiex jirrispondu aħjar u jtaffu t-tħassib li jeżisti fil-ħajja ta' kuljum tan-nisa u l-bniet meta jfasslu u jimplimentaw politiki tal-konsumatur u tat-teknoloġija pubblika, filwaqt li jagħtu attenzjoni speċjali lill-gruppi vulnerabbli, bħan-nisa u l-bniet minn minoranzi;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta u tindirizza aħjar l-Aġenda Diġitali u l-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali bl-għan li tindirizza d-disparità serja bejn il-ġeneri fis-settur tal-ICT u trawwem l-integrazzjoni sħiħa tan-nisa fis-settur, b'mod partikolari fir-rigward tal-professjonijiet tekniċi u tat-telekomunikazzjonijiet, u titrawwem l-edukazzjoni u t-taħriġ tan-nisa u l-bniet fl-ICT u f'suġġetti oħra STEM;

18. Iqis li sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-iżvilupp, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni, u fl-użu tas-servizzi diġitali u l-prodotti, l-applikazzjonijiet u l-pjattaformi online tal-konsumaturi tal-IA huwa essenzjali li tinħoloq edukazzjoni komprensiva fl-iskejjel u l-postijiet tax-xogħol u li jirrikonoxxu u jeliminaw il-preġudizzjiabbażi tail-ġeneri fl-imġiba u fix-xogħol tagħhom stess;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-fastidju online fil-konfront ta' intraprendituri individwali nisa u jieħdu azzjoni biex jindirizzaw din il-kwistjoni.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 25.3.2021 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 28<br>–: 2<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Simona Baldassarre, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Annika Bruna, Margarita de la Pisa Carrión, Rosa Estaràs Ferragut, Frances Fitzgerald, Cindy Franssen, Heléne Fritzon, Lina Gálvez Muñoz, Arba Kokalari, Alice Kuhnke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Karen Melchior, Andżelika Anna Możdżanowska, Maria Noichl, Sandra Pereira, Pina Picierno, Sirpa Pietikäinen, Samira Rafaela, Evelyn Regner, Diana Riba i Giner, Eugenia Rodríguez Palop, María Soraya Rodríguez Ramos, Christine Schneider, Sylwia Spurek, Jessica Stegrud, Isabella Tovaglieri, Ernest Urtasun, Hilde Vautmans, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Marco Zullo |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Aušra Maldeikienė, Irène Tolleret |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 28 | + |
|---|---|
| ECR | Andżelika Anna Możdżanowska |
| PPE | Rosa Estaràs Ferragut, Frances Fitzgerald, Cindy Franssen, Arba Kokalari, Aušra Maldeikienė, Sirpa Pietikäinen, Christine Schneider, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska |
| Renew | Karen Melchior, Samira Rafaela, María Soraya Rodríguez Ramos, Irène Tolleret, Hilde Vautmans, Marco Zullo |
| S&D | Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Heléne Fritzon, Lina Gálvez Muñoz, Maria Noichl, Pina Picierno, Evelyn Regner |
| The Left | Eugenia Rodríguez Palop |
| Verts/ALE | Alice Kuhnke, Diana Riba i Giner, Sylwia Spurek, Ernest Urtasun |

| 2 | - |
|---|---|
| ID | Simona Baldassarre, Isabella Tovaglieri |

| 4 | 0 |
|---|---|
| ECR | Jessica Stegrud, Margarita de la Pisa Carrión |
| ID | Annika Bruna |
| The Left | Sandra Pereira |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni